MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Numru. 49/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Annabelle Camilleri ta’ 24 sena, bint Martin Monreal u Rose Mary nee’ Busuttil, imwielda Pieta’ nhar it-18 ta’ Mejju, 1985, residenti fil-fond numru ta’ ‘Ta’ Stocks’, Triq tal-Fanal, Ghasri u/jew 54, Flat 2, Triq il-Hamri, Ghajnsielem u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 311185(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Annabelle Camilleri li giet akkuzata talli f’Ghajnsielem, f’dawn il-Gzejjer, gewwa Triq il-Hamri nhar it-30 ta’ April 2009, ghall-habta tal-ghaxra u ghaxra ta’ filghaxija (22:10hrs),

minghjar il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Thomas Cassar (ID 15793G) f'periklu car, ikkagunatlu ferita ta' natura gravi billi xehtet oggett iebes (flixkun) lejn l-imsemmi Cassar;

Ukoll talli fl-istess hin, lok, data u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta' natura hafifa lil Thomas Cassar (ID 15796G) skond ma ccertifika Dr. T. G. Farrugia MD;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-12 ta' Awwissu, 2009;

Ikkunsidrat;

Illi mill-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2009, irrizulta illi l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata u ddikjarat illi l-ferita sofferta minn Thomas Cassar kienet ferita ta' natura hafifa. Inoltre l-istess Thomas Cassar iddikjara illi mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri u dana sabiex ma jinkriminax ruhu fi proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu;

Rat illi l-Prosekuzzjoni fid-dawl ta' dan il-verbal iddikjarat illi ma kellhiex provi iktar;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-ewwel (1) akkuza ma tirrizultax ippruvata. Inoltre l-procediment huwa ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) akkuza stante rinunzja tal-parti leza;

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-ewwel (1) akkuza u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------